

# L-Istatwa Titulari tal-Madonna ta' Lourdes

Matthew Cagliari

Malli ġie kkonfermat u deċiż li t-titular tal-knisja tagħna kellu jkun dak tal-Madonna taħt it-titlu ta' Lourdes, ġiet ordnata mill-ewwel din l-istatwa.

Sakemm tlestiet din l-istatwa, inġiebet statwa oħra tal-Madonna ta' Lourdes b'mod temporanju, statwa mislufa mill-kunvent tal-patrijiet Kapuċċini ta' Għajn Dwieli. Din l-istatwa tqiegħdet l-ewwel fil-knisja ċ-ċkejkna ta' San Ġwann tal-Għorgħar, li llum qiegħda tintuża mill-membri tal-mużew. Fis-16 ta' Lulju tal-1959, ittieħdet minn hemmhekk b'pellegrinaġġ solenni għall-knisja ddedikata lilha. Din kienet l-ewwel okkażjoni ta' manifestazzjoni pubblika lill-Madonna taħt it-titlu ta' Lourdes f'dan ir-raħal, dak iż-żmien magħruf bħala l-Imsieraħ, li tqiegħed taħt il-protezzjoni tagħha.

Fis-17 ta' Ġunju tal-1960, waslet l-istatwa l-ġdida tal-Madonna ta' Lourdes mill-Italja. L-istatwa tbierket fil-Bażilika ta' Sant'Elena f'Birkirkara, mill-prepostu - arċipriet, Mons. Em. Vella fit-23 ta' April tal-1961, u minn hemm ittieħdet b'pellegrinaġġ lejn il-knisja ta' l-Imsieraħ. Fil-pellegrinaġġ ħadu sehem il-membri tal-kapitlu tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara u tal-komunità tal-patrijiet Kapuċċini flimkien mal-għaqdiet u l-poplu numeruż ta' Birkirkara u San Ġwann.

L-istawa tal-Madonna ta' Lourdes qamet 200 lira sterlina, minbarra r-raġġiera kbira tagħha. Din is-somma tħallset mis-Sur Mikiel Sciberras, imlaqqam l-Għawdxi.

Ir-raġġiera ta' din l-istess statwa ħadimha mastrudaxxa minn Ħal-Balzan. Din inħadmet bħala offerta lill-Madonna mingħajr ħlas ta xejn. Ir-raġġiera ħadimha d-dar tiegħu stess, ftit kuljum wara x-xogħol tiegħu tal-ġurnata. L-induratura tagħha qamet 90 lira sterlina. Ir-raġġiera u l-pedestall tal-istatwa reġgħu ġew indurati mill-ġdid fis-sena 1990 bl-ispiża ta' Lm1,550 għar-raġġiera u Lm200 għall-pedestall. Ix-xogħol sar mid-ditta Darmanin tal-Belt Valletta u tħallas minn xi membri tal-familja ta' Mikiel Sciberras.

Ma kinitx xi ħaġa ħafifa li jqabbdu din ir-raġġiera hekk kbira mal-istatwa, l-aktar minħabba n-nuqqas tal-għodda meħtieġa. Għalhekk, wara talba lill-awtoritajiet tar-"Royal Air Force", ġew erba' esperti Ingliżi, u dawn qiegħdu r-raġġiera ma' dahar l-istatwa.

Fl-20 ta' Diċembru tal-1960, sar l-istellarju tal-fidda għal ma' ras l-istatwa tal-Madonna, xogħol ta' Joseph Pirotta tan-Naxxar bl-ispiża ta' 30 lira sterlina. Fid-19 ta' April tal-1961, saret girlanda tal-ganutell għall-istess statwa, u din inħadmet minn Emanuel Sciberras.

Il-pavaljun ikħal u l-kuruna li jintramaw meta l-istatwa tal-Madonna tkun fuq il-bradella saru fl-1963 u tħallsu minn Patri Mattew Sultana, O.F.M. Cap, bil-flus li kien idaħħal mix-xogħol tas-sensil tal-kuruni, li kien jaħdem il-ħin kollu. Fl-1963, saru wkoll erba' gastri tal-fidda li jintużaw għall-bukketti tal-ganutell, u fil-festa, dawn jintramaw madwar l-istatwa. Dawn qamu 100 lira sterlina-il wieħed u tħallsu kif ġej: tnejn mis-sinjuri Ġużeppi u Lorenza

Micallef u t-tnejn l-oħra minn persuna li ma riditx tissemma'. Il-fjuretti tal-ganutell għal dawn l-erba' gastri nħadmu mis-Sur Emanuel Sciberras, mill-Qrendi, bl-ispiża ta' 40 lira sterlina.

Fl-4 ta' Awissu tal-1978, tqiegħdu żewġ wardiet tad-deheb f'riġlejn l-istatwa titulari wara li ġew imbierka mill-abbati Dom. Anġelo Mifsud O.S.B. Dawn inħadmu minn Joseph Cassar u qamu 70 lira sterlina u tħallsu mill-benefatturi.

Filwaqt li nagħlaq dan l-artiklu, inħeġġeġ lilkom, għeżież qarrejja tal-ktejjeb "Il-Warda ta' Massabielle", biex nagħtu l-kontribut tagħna mill-ftit li nistgħu, ħalli b'hekk niċċelebraw festa kif jixraq lil-Sidtna Marija taħt it-titlu ta' Lourdes.

Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.







